**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 7 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 649/23 AL

A B

u

C D

(M.R. Numru 1766/2009)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors konguntiv li gie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-partijiet iżżewġu ġewwa Malta fis-26 ta Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009)hekk kif jidher mill-kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ, hawn anness u mmarkat bhala Dok. AM1;

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom separati legalment għal dawn l-ahhar hames (5) snin, u dan permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Christine Abela datat l-4 ta Lulju tas-sena 2018 (Ara Dok. AM2);

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment għal fuq minn hames (5) snin, illum għandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi hekk kif jidher mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, hemm dekadenza da parti mill- mara mid-dritt li titolb u/jew tirċievi manteniment minghand ir-ragel, filwaqt li l-istess raġel irrinunzja mid-dritt tiegħu li jitlob u/jew jirċievi manteniment minghand il-mara. Għalhekk bejniethom m'hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa ghall ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieg bejn il-partijiet,

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal- partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta’ Jannar 2024;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati minn mill-4 ta' Lulju 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.